DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/205

tas-6 ta' Frar 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fil-pollam fil-Bularija

(notifikata bid-dokument C(2015) 699)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE ([5]) tistipula ċerti miżuri ta' protezzjoni li jridu jitwettqu biex jipprevjenu t-tixrid tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, inkluż l-istabbiliment taż-żoni A u B wara tifqigħa ssuspettata jew ikkonfermata ta' din il-marda. Dawn iż-żoni huma elenkati fit-tabella stabbilita fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(2) Wara tifqigħa kkonfermata tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fil-Bulgarija, dak l-Istat Membru ħa l-miżuri ta' protezzjoni skont id-Deċiżjoni 2006/415/KE, fosthom it-twaqqif ta' żoni A u B, kif previst fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri b'kollaborazzjoni mal-Bulgarija, u hija tal-fehma li l-fruntieri taż-Żoni A u B stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-post fejn feġġet it-tifqigħa. Għalhekk, iż-żoni A u B fil-Bulgarija jistgħu jiġu kkonfermati u t-tul ta' żmien ta' din ir-reġjonalizzazzjoni huwa ffissat.

(4) Iż-żoni A u B fil-Bulgarija għandhom jiġu elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2006/415/KE.

(5) Għaldaqstant, l-Anness tad-Deċiżjoni 2006/415/KE għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([4]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja fl-annimali fit-tjur tal-Komunità u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/135/KE (ĠU L 164, 16.6.2006, p. 51).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2006/415/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

PARTI A

Iż-Żona A kif stabbilita skont l-Artikolu 4(2):

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Stat Membru	Żona A		Data sa meta japplikaw il-miżuri stipulati fl-Artikolu 5 skont l-Artikolu 4(4)(b)(iii)
		Kodiċi (jekk inhu disponibbli)	Isem	
BG	Il-Bulgarija		Żona li tinkludi:	Il-5 ta' Marzu 2015
			Żona ta' ħarsien:	
		52279	Konstantinovo	
			Żona ta' sorveljanza:	
		07079	Il-partijiet mill-belt ta' Burgas li jidhru hawn:	
			— Meden rudnik	
			— Gorno ezerovo	
			— Varli bryag	
		21141	Dimchevo	
		80916	Cherni vrah	
		57337	Polski izvor	
		43623	Livada	
		23604	Drachevo	
		20273	Debelt	
		58400	Prisad	

PARTI B

Iż-Żona B kif stabbilita skont l-Artikolu 4(2):

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Stat Membru	Żona B		Data sa meta japplikaw il-miżuri stipulati fl-Artikolu 5 skont l-Artikolu 4(4) (b)(iii)
		Kodiċi (jekk inhu disponibbli)	Isem	
BG	Il-Bulgarija		Żona li tinkludi:	il-5 ta' Marzu 2015"
		BGS04	Il-muniċipju ta' Burgas	
		BGS08	Il-muniċipju ta' Kameno	
		BGS21	Il-muniċipju ta' Sozopol	

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Stat Membru	Żona B		Data sa meta japplikaw il-miżuri stipulati fl-Artikolu 5 skont l-Artikolu 4(4) (b)(iii)
		Kodiċi (jekk inhu disponibbli)	Isem	
			Fil-muniċipju ta' Sredets:	
		63055	— Rosenovo	
		17974	— Sredec	
		24712	— Djulevo	
		70322	— Suhodol	
		30168	— Zagortsi	
		65560	— Svetlina	
		03455	— Belila	
		59015	— Panchevo	
			Fil-muniċipju ta' Pomorie:	
		57491	— Pomorie	
		35691	— Kamenar	
		00271	— Aheloi	
		35033	— Kableshkovo	
		44425	— Laka	